

**Brussell, 16 ta' Ottubru 2025
(OR. en)**

14091/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0290 (COD)**

**MI 785
ENT 226
CONSOM 224
SAN 638
COMPET 1023
CHIMIE 111
ENV 1035
CODEC 1555**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 635 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 635 final.

Mehmuż: COM(2025) 635 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2025
COM(2025) 635 final

2023/0290 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE

1. SFOND

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2023) 462 – 2023/0290 COD): it-28 ta' Lulju 2023

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: it-13 ta' Diċembru 2023

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari: it-13 ta' Marzu 2024

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata: Mhux Applikabbli

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill: 13 ta' Ottubru 2025

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-iskop li tikseb żewġ objettivi: (i) li tittejjeb il-protezzjoni tat-tfal minn sustanzi kimiċi ta' ħsara meta jilagħbu bil-ġugarelli; u (ii) li jitnaqqas l-ġhadd ta' ġugarelli mhux konformi li għadhom jistgħu jinstabu fis-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-bejgħ online.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-10 ta' April 2025. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-qbil, li l-punti ewlenin tiegħu huma stabbiliti hawn taħt.

- Il-prinċipju ta' prekawzjoni: Il-koleġiżlaturi qablu li jintroduċu referenza għall-prinċipju ta' prekawzjoni fl-Artikolu 1 tar-Regolament, bħala prinċipju ta' ispirazzjoni, li huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni.
- Is-saħħa mentali tat-tfal: Il-koleġiżlaturi qablu li jwessgħu l-kunċett tas-sikurezza tal-ġugarelli biex jinkludi s-saħħa mentali u l-benesseri tat-tfal għal ġugarelli konnessi diġitalment. L-Artikolu 21 dwar il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-ġugarelli se jirrikjedi li l-ġugarelli li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/53/UE dwar it-Tagħmir tar-Radju, ir-Regolament (UE) 2024/2847 dwar l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika jew ir-Regolament (UE) 2024/1689 dwar l-Intelliġenza Artifiċjali jqisu l-vulnerabbiltajiet tat-tfal meta jiġu vvalutati l-perikli li jippreżentaw skont ir-Regolament dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli. Dan huwa konformi mal-objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni u huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni.

- Il-Passaport Diġitali tal-Prodotti ġie miftiehem mill-koleġiżlaturi, u jista' jintuża wkoll biex jissostitwixxi d-dikjarazzjoni ta' konformità skont leġislazzjoni oħra applikabbli għall-ġugarelli. Dan se jwassal għal simplifikazzjoni fil-każ ta' ġugarelli fil-kamp ta' applikazzjoni ta' liġi oħra tal-Unjoni li tirrikjedi dikjarazzjoni ta' konformità. Ir-rekwiżiti tekniċi għall-passaport diġitali tal-prodotti li jissupplimentaw ir-regolament (l-Artikolu 17) se jiġu stabbiliti permezz ta' atti delegati, f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-passaport diġitali tal-prodotti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1781 dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli (ESPR, ecodesign requirements for sustainable products).
- Il-bejgħ online ta' ġugarelli: Il-koleġiżlaturi qablu li fir-regolament jintroduċu dispożizzjonijiet dwar il-fornituri tas-servizzi ta' eżekuzzjoni u dwar il-bejgħ online ta' ġugarelli. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li "jintegraw" fir-Regolament 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u jikkonverġu mar-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti, billi jispeċifikaw ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li għandhom jiġu inklużi fl-offerti permezz tas-swieq. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet iħarsu l-istruttura tal-infurzar bejn il-liġi tal-konsumatur (prinċipalment abbażi tal-prinċipju tal-pajjiż destinatariju) u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (abbażi tal-prinċipju tal-pajjiż tal-istabbiliment/oriġini).
- Is-sustanzi kimiċi fil-ġugarelli: Il-koleġiżlaturi qablu dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin:
 - Il-projbizzjoni ġenerika ta' sustanzi ta' ħsara fil-ġugarelli se tinkludi s-sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni (CMRs, carcinogenic, mutagenic or toxic for reproduction substances), l-interferenti endokrinali, is-sensitizzaturi respiratorji u s-sustanzi tossiċi għal organu speċifiku, kif propost mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, intlaħaq qbil li jiġu inklużi sustanzi kklassifikati bħala sensitizzaturi tal-ġilda tal-kategorija 1A fil-projbizzjoni ġenerika, kif stabbilit fil-mandat tal-Kunsill. Din hija kategorija limitata ta' sustanzi, li tippreżenta l-oġġla potenzjal għas-sensitizzazzjoni, u teskludi sustanzi li juru frekwenza ta' okkorrenza baxxa sa moderata fil-bnedmin, jew probabbiltà ta' okkorrenza ta' sensitizzazzjoni baxxa sa moderata fil-bnedmin. Għalhekk, din iż-żieda hija aċċettabbli għall-Kummissjoni. Il-projbizzjoni ġenerika tiddependi mill-klassifikazzjoni armonizzata tas-sustanzi kimiċi kif stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ir-Regolament CLP)¹, kif propost mill-Kummissjoni.
 - Ġiet inkluża projbizzjoni fuq l-użu intenzjonat ta' sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS, per- and polyfluoroalkyl substances) fil-ġugarelli, kif inkluż fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, sakemm issir applikabbli r-restrizzjoni universali fuq il-PFAS skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH).
 - Projbizzjoni fuq il-preżenza ta' għaxar bisfenoli li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) rrakkomandat miżuri regolatorji għalihom, u li għadhom mhumiex ipprojbati skont dispożizzjonijiet oħra tar-regolament. Dan huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni peress li dawn is-sustanzi jistgħu jkunu ta' ħsara għat-tfal.

¹ ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

- Il-fwejjaħ allerġeniċi kollha se jiġu pprojbiti fil-ġugarelli maħsuba għat-tfal taħt is-36 xahar, kif ukoll f'ġugarelli oħra maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq. Din id-dispożizzjoni hija aċċettabbli peress li hija mmirata lejn it-tfal iż-żgħar; l-esponiment għal fwejjaħ allerġeniċi jista' jikkawża sensitizzazzjoni u jwassal għal tifqigħat ta' allerġiji.
- Fir-rigward tan-nitrożammini, il-koleġiżlaturi qablu li jżommu valuri ta' limitu differenti għal tipi differenti ta' ġugarelli, li huma bbażati fuq l-evidenza xjentifika attwali u l-metodi ta' ttestjar disponibbli. Għall-metalli tqal (iċ-ċomb, il-kadmju, il-merkurju u l-kromju VI), inżammu l-limiti ta' migrazzjoni proposti mill-Kummissjoni. Fiż-żewġ każijiet, biex jiġi ffaċilitat qbil, il-koleġiżlaturi talbu li l-Kummissjoni toħroġ dikjarazzjoni li fiha tindika li se titlob lill-ECHA tipprovdi valutazzjoni xjentifika ġdida dwar in-nitrożammini fil-ġugarelli fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tar-regolament u, dwar il-metalli tqal fil-ġugarelli, fi żmien 24 xahar.
- Il-perjodu ta' tranżizzjoni: Il-koleġiżlaturi qablu li jinkludu perjodu ta' tranżizzjoni ta' 54 xahar.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa r-riżultati tan-negożjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

5. DIKJARAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni ħejjiet dikjarazzjoni unilaterali waħda li tinsab fl-appendiċi.

Appendiċi
Dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni:

“Il-Kummissjoni tevalwa regolarment u sistematikament l-okkorrenza ta’ sustanzi kimiċi perikolużi fil-ġugarelli, filwaqt li tqis l-evidenza xjentifika disponibbli, bil-ħsieb li tadatta l-valuri ta’ limitu jew il-kundizzjonijiet għall-preżenza ta’ sustanzi jew taħlitiet kimiċi speċifiċi fil-ġugarelli f’konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament 2025/... dwar is-sikurezza tal-ġugarelli. Għal dak l-iskop, il-Kummissjoni se titlob opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar is-sikurezza tan-nitrożammini u tas-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli, fid-dawl tal-esponiment ġenerali, fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament. Għall-istess skop, il-Kummissjoni se titlob opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar is-sikurezza taċ-ċomb, tal-kadmju, tal-merkurju u tal-kromu VI fil-ġugarelli, fid-dawl tal-esponiment ġenerali, fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.”